



Brussell, 15 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0163 (COD)

10056/1/25
REV 1 ADD 1

TRANS 234
MAR 94
CODEC 773
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottat mill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat din il-proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2023 bħala parti mill-Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima¹.
2. Il-Kunsill qabel dwar *approċċ ġenerali* fit-18 ta' Ġunju 2024².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2024. Għall-għaxar leġiżlatura tal-Parlament, is-Sur Sérgio Humberto (PPE, il-Portugall) inġatara bħala rapporteur.
4. In-negozjati bdew bl-ewwel trilogu fid-19 ta' Novembru 2024, segwit mit-tieni trilogu fl-20 ta' Mejju 2025. Waqt it-tieni trilogu tal-20 ta' Mejju 2025, in-negozjaturi laħqu qbil politiku.
5. Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Coreper analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil u kkonfermah.
6. Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-President tal-Kumitat TRAN bagħat ittra lill-President tal-Coreper fejn ikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova t-test maqbul fl-ewwel qari, wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

II. OBJETTIV

7. L-objettivi speċifiċi tar-reviżjoni huma li:
 - a. tankra u tirrifletti aħjar il-kompiti u l-objettivi kurrenti tal-Aġenzija sabiex tkun legalment awtorizzata li tissodisfahom u tappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika, operazzjonali u xjentifika meħtieġa biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà marittimi, u tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur;
 - b. tiżgura li l-mandat tal-EMSA ser jibqa' validu fil-futur billi tippermetti biżżejjed flessibilità biex jiġu inkorporati kompiti ġodda li jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-settur marittimu; u
 - c. tiżgura li l-Aġenzija jkollha riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex tissodisfa r-rwol tagħha.

¹ 10160/23.

² 10828/24.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

1. **Kuntest proċedurali**

8. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bl-għan li jaqblu dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, bir-riżultat ta' qbil bikri fit-tieni qari. It-test tal-abbozz tal-pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.

2. **Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin**

9. Wara qbil bejn il-koleġislaturi, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar id-diversi elementi ta' riforma, hija din li ġejja:

10. Fir-rigward tal-"parti teknika" tar-Regolament (l-Artikoli 1 sa 13), l-oġġettivi ewlenin tal-Kunsill huma li jiżgura li l-Aġenzija tiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni *eżistenti* tal-Unjoni, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforz u biex jiġi żgurat li l-Aġenzija tuża r-riżorsi tagħha b'mod effiċjenti. L-emendi li saru għall-proposta tal-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira għandhom l-għan li jissimplifikaw it-test u jagħmluh inqas dettaljat, u b'hekk jipprovdu flessibbiltà u jiżguraw mandat li jibqa' validu fil-futur.

11. Il-Kunsill fil-biċċa l-kbira żamm il-pożizzjoni tiegħu mill-*approċċ ġenerali* dwar il-kompiti proposti relatati mal-vapuri tal-wiċċ awtonomi marittimi (MASS) u l-emissjonijiet tal-NOx, peress li dawn l-elementi huma barra mill-kompetenza tal-UE (l-Artikoli 4 u 5, rispettivament). Il-Kunsill aċċetta diversi żidiet mill-Parlament fir-rigward tal-fjuwils alternattivi użati fit-trasport marittimu, fil-limiti tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-kwistjoni (ir-Regolament FuelEU Maritime³) (l-Artikoli 4 u 6). Fl-istess ħin, il-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu⁴ issa huma limitati għal elementi li diġà huma inklużi fid-Direttiva dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port⁵ (l-Artikolu 4).

³ Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

⁴ Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, kif emendata.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2024/3099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port.

12. Il-Kunsill żamm il-pożizzjoni tiegħu mill-approċċ ġenerali u żied tliet kompiti ġodda għall-Aġenzija: l-aktar importanti, l-EMSA issa tista' tipprovi appoġġ lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni (jiġifieri sanzjonijiet, b'mod partikolari data dwar il-movimenti ta' bastimenti li jaqgħu taħt ir-reġim tas-sanzjonijiet) (l-Artikolu 8). Fl-istess waqt, ser tfejji u taġġorna valutazzjoni tar-riskju għall-baċiri tal-baħar Ewropej kollha li ser isservi biss bħala bażi għall-pożizzjoni tal-bastimenti għar-rispons għat-tniġġis taż-żejt u t-tniġġis kimiku tal-Aġenzija biex l-Istati Membri jingħataw appoġġ fl-attivitajiet ta' rispons għat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar (l-Artikolu 5). Fl-aħħar, l-Aġenzija tista' twettaq ukoll spezzjonijiet fuq il-post f'isem il-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 1257/2013 dwar il-faċilitajiet tar-riċiklaġġ f'pajjiżi terzi, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tiddelega dan il-kompitu lill-Aġenzija (l-Artikolu 5).
13. Fir-rigward ta' kompitu minnhom, jiġifieri ż-żjarat tal-Aġenzija fl-Istati Membri u l-ispezzjonijiet (l-Artikolu 10), il-Kunsill resaq lejn il-Parlament u l-Kummissjoni u qabel li jirrevedi l-pożizzjoni tal-*approċċ ġenerali* tiegħu li jistabbilixxi lista magħluqa ta' atti legali li f'konformità magħhom jistgħu jsiru tali żjarat u spezzjonijiet. Il-Kunsill aċċetta li ż-żjarat tal-EMSA fl-Istati Membri jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-liġi rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tas-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis, soġġett għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni tiddelega dak il-kompitu lill-Aġenzija.
14. Fl-aħħar, fir-rigward tal-kompiti tal-Aġenzija rigward ir-relazzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 11), il-Kunsill qabel li jagħti lid-Direttur Eżekuttiv l-għażla li jitqiegħed persunal fid-delegazzjoni tal-Unjoni għar-Renju Unit, bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni u l-Bord tat-Tmexxija, sabiex jappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea f'attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħidma tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
15. Fil-parti dwar il-"governanza" tat-test (l-Artikoli 14 sa 45), il-Kunsill għandu l-għan li jiżgura li jinżamm il-bilanċ istituzzjonali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-governanza tal-Aġenzija.

16. Diversi kwistjonijiet ġew eżaminati fid-dettall mal-Parlament u l-Kummissjoni: il-valur miżjud tal-ħolqien ta' bord eżekuttiv ġdid, il-piż relattiv tal-Kummissjoni fil-bord tat-tmexxija (l-ġħadd ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni), ir-regoli tal-votazzjoni tal-bord tat-tmexxija, il-"veto" tal-Kummissjoni dwar deċiżjonijiet potenzjali tal-Aġenzija li jistgħu jmorru kontra r-Regolament Finanzjarju Qafas jew ir-Regolamenti tal-Persunal, u l-possibbiltà li l-Aġenzija tkun awtorizzata tistabbilixxi ċentri reġjonali.
17. Il-Kunsill iżomm il-pożizzjoni tal-*approċċ ġenerali* tiegħu dwar it-tħassir tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-Bord Eżekuttiv u r-regoli tal-votazzjoni għall-Bord tat-Tmexxija (l-Artikolu 16). Madankollu, il-Kunsill qabel mal-Parlament li tiġi riveduta l-maġġoranza meħtieġa għall-ħatra tad-direttur eżekuttiv, li issa tista' issir mill-Bord tat-Tmexxija b'maġġoranza ta' żewġ terzi, minflok il-maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa fl-*approċċ ġenerali*. Barra minn hekk, il-Kunsill introduċa mekkaniżmu li jippermetti li terz tal-membri votanti tal-Bord tat-Tmexxija jipproponu li d-direttur eżekuttiv jitneħħa mill-kariga; sa issa l-Kummissjoni biss setgħet tagħmel proposta bħal din (l-Artikolu 21).
18. Fl-istess ħin, biex jiġi ppreservat il-bilanċ istituzzjonali fil-governanza tal-Aġenzija, il-Kunsill resaq lejn il-Parlament u l-Kummissjoni u qabel li l-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija jkompli jinkludi erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni, bħal skont ir-Regolament eżistenti tal-EMSA. Fl-istess ħin, il-Parlament qabel li ma hemmx bżonn li jinnomina osservaturi tiegħu stess fil-bord tat-tmexxija.
19. Kemm il-Kunsill, fl-*approċċ ġenerali* tiegħu, kif ukoll il-Parlament, fl-*ewwel qari* tiegħu, qablu li jħassru l-"veto" tal-Kummissjoni dwar deċiżjonijiet potenzjali tal-Aġenzija li jistgħu jmorru kontra r-Regolament Finanzjarju Qafas jew ir-Regolamenti tal-Persunal. Wara diskussjonijiet estensivi mal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament qablu li jissostitwixxu l-veto tal-Kummissjoni bi "proċedura ta' rieżami", li tippermetti lill-Kummissjoni tesprimi t-tħassib tagħha jekk tqis li ċerti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolament Finanzjarju Qafas u r-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jesponu lill-Aġenzija (u l-baġit tal-UE) għal riskji legali serji. (l-Artikolu 20) Dan ser jippermetti lill-bord tat-tmexxija jerġa' jikkunsidra l-kwistjoni, bi proċedura simili għal dik użata għall-adozzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni: jekk il-Kummissjoni tkun għadha qed topponi deċiżjoni fit-tieni qari, din tista' tiġi adottata biss b'unanimità fost ir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

20. Fl-aħħar, il-Kunsill aċċetta l-argumenti tal-Parlament u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla li l-Aġenzija tkun awtorizzata tistabbilixxi ċentri reġjonali, peress li din diġà teżisti fir-Regolament attwali tal-EMSA (l-Artikolu 31). Filwaqt li l-ħolqien ta' tali ċentri reġjonali jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti, il-Kunsill qabel li s-salvagwardji proposti mill-Kummissjoni huma biżżejjed biex jiproteġu l-baġit tal-Aġenzija, peress li kwalunkwe deċiżjoni f'dan ir-rigward tittieħed biss mill-bord tat-tmexxija, fuq it-talba tal-Kummissjoni, u "b'kunsiderazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet baġitarji".

IV. KONKLUŻJONI

21. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
22. Għalhekk, il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba jiġi adottat, ir-"Regolament tal-EMSA" l-ġdid ser jiżgura li l-Aġenzija tingħata l-mandat legali li tappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika, operazzjonali u xjentifika meħtieġa biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà marittima, u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur.